Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **8 ta' Ottubru 2021**

**Sejba ġdida ta' fdalijiet ta' struttura Neolitika f'Tas-Silġ**

L-arkeologi li qed jaħdmu fuq proġett ta' skavi f'Tas-Silġ, Marsaxlokk, għamlu sejba ġdida ta' fdalijiet ta' struttura Neolitika. L-istruttura li nkixfet, u li sal-lum għadha qed tiġi skavata, kabbret sostanzjalment id-daqs magħruf tal-art użata fiż-żmien Neolitiku f'dan is-sit.

Is-sejba tħabbret waqt żjara li għamlu f'Tas-Silġ il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, José Herrera, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, u s-Supretendent għall-Wirt Kulturali, Kurt Farrugia. Huma ddawru mas-sit minn David Cardona, Kuratur Anzjan għas-Siti Feniċi, Rumani u Medjevali fi ħdan Heritage Malta, u mill-Professur Nicholas Vella mid-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija fl-Università ta' Malta. Il-proġett tal-iskavi f'Tas-Silġ qed isir b'kollaborazzjoni bejn Heritage Malta u dan id-Dipartiment.

Is-Sur Cardona spjega li dan il-proġett hu mifrux fuq medda ta' snin u maqsum f'fażijiet differenti. Dan għaliex in-natura tas-sit tagħmel kull proġett fuqu kkumplikat iktar minn siti oħra. Fil-fatt, dan is-sit għandu l-itwal storja ta' użu fil-Gżejjer Maltin, bi fdalijiet ta' mill-inqas tliet tempji tal-Fażi Tarxien fin-Neolitiku Malti. L-istess tempji ntużaw ukoll fi Żmien il-Bronż, li possibbilment kien l-uniku perjodu fl-istorja tas-sit meta dan ma ntużax għal skopijiet reliġjużi jew ritwali.

Mal-wasla tal-Feniċi nbena tempju lill-alla Axtarte, li baqa' jiġi mkabbar u żviluppat mill-Puniċi u mir-Rumani sa mill-inqas it-tieni seklu wara Kristu. Żmien twil wara, il-bitħa prinċipali tat-tempju ssaqqfet u fiha nbniet bażilika Kristjana – l-ewwel evidenza ta' knisja mibnija fi gżiritna. Dan kien l-aħħar mument fl-istorja meta dan is-sit intuża għal skopijiet reliġjużi.

Wara li l-knisja ġiet abbandunata, kważi l-istrutturi kollha nħattu u l-art bdiet tintuża għall-biedja. Hekk baqgħet sakemm skavi minn Sir Temi Zammit fis-snin 20 tas-seklu 20,

u mbagħad mill-Missjoni Arkeoloġika Taljana u mill-Università ta' Malta fl-aħħar tliet deċennji, kixfu l-fdalijiet ta' dawn il-binjiet.

Il-Ministru Herrera rrimarka li s-sit ta' Tas-Silġ aktarx li jkompli taħt it-triq li effettivament taqsam is-sit min-nofs. Kif jixhdu l-fdalijiet li nstabu dan l-aħħar, kif ukoll ċisterna Feniċa mdaqqsa aċċessibbli mis-sit, taħt din it-triq probabbilment hemm misturin fdalijiet li għadhom mhux misjuba tal-fażijiet differenti ta' dan is-sit. Ikun għaqli għalhekk li din it-triq tiġi ddevjata, kif hu previst fil-Pjan Lokali.

Min-naħa tiegħu, Noel Zammit qal li Heritage Malta, minbarra li se tkompli tistħarreġ il-fdalijiet misjuba dan l-aħħar li probabbilment huma stess ikomplu taħt it-triq, qiegħda wkoll fil-proċess li tħejji investigazzjoni ġeofiżika taż-żoni maġenb is-sit u tal-istess triq. Il-ħafna saffi ta' storja li jsawru lil Tas-Silġ jagħmlu lil dan is-sit wieħed mill-aktar diffiċli biex jiġi mifhum, u wisq aktar diffiċli biex jiġi ppreservat. Madankollu, Heritage Malta bdiet taħdem fuq pjanti u disinji biex dan is-sit joffri faċilitajiet aħjar għall-viżitaturi kif ukoll titjieb l-interpretazzjoni.

Kurt Farrugia qal li minn meta Heritage Malta bdiet tieħu ħsieb l-immaniġġar ta' dan is-sit, is-Sovrintendenza kkollaborat mal-aġenzija biex jiġi assigurat li jsiru l-investigazzjonijiet neċessarji, kif ukoll jittieħdu fl-inqas zmien possibbli l-miżuri ta' konservazzjoni neċessarji għall-preservazzjoni tas-sit. L-investigazzjonijiet li saru dan l-aħħar, u li qed jitfgħu dawl fuq is-sinjifikat preistoriku ta' dan is-sit, huma ta' importanza kbira minħabba li estendew il-preżenza preistorika f'dawn l-inħawi iktar minn dak li qabel kien maħsub. Dawn l-investigazzjonijiet ikkonfermaw ukoll li s-sit, li jkopri perjodi differenti, jestendi iktar 'il barra mill-ħitan ta' konfini li kienu nbnew fil-passat biex jiġi ssalvagwardjat is-sit. Issa wasal iz-zmien li jsiru diskussjonijiet mal-entitatjiet konċernati biex isir pjan ta' mmaniġġar ħolistiku għal dan is-sit.

Il-Professur Nicholas Vella qal li l-iskoperta progressiva ta' struttura Neolitika, li qed tinkixef pass pass minn studenti tad-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija flimkien ma' akkademiċi u riċerkaturi tad-Dipartiment u kollegi minn Heritage Malta, hi riżultat relevanti fit-tiswir tal-għarfien tal-istorja tas-sit ta' Tas-Silġ. Din is-sejba partikolari fetħet tieqa oħra fuq l-orizzont Neolitiku tas-sit, li għad irid jiġi esplorat iktar għax il-kuntest tal-istruttura għadu maqtugħ minn fdalijiet oħra tal-istess fażi preistorika fl-inħawi. Dan irid isir billi wieħed jesplora madwar l-istruttura li nstabet s'issa, anke 'l barra mir-reċinzjoni kurrenti tas-sit, fit-triq li tgħaddi dritt minn nofs Tas-Silġ. Din l-esperjenza ta' skavi ta' riċerka b'kollaborazzjoni bejn id-Dipartiment u Heritage Malta jeħtieġ tissokta sabiex tkompli titfassal il-ġrajja ta' dan is-sit uniku, qal il-Prof. Vella.